

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark verbali “L’Wren Scott”, għal prodotti fil-klassijiet 3, 9, 14 u 25 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 5190368

*Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark jew sinjal invokat:* applikazzjoni għal trade mark Spanjola Nru 1164120 tat-trade mark verbali “LOREN SCOTT”, għal prodotti fi klassi 25

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni milqugħa għall-prodotti kollha kkontestati u r-reġistrazzjoni tat-trade mark Komunitarja awtorizzata għall-kumplement tal-prodotti mhux ikkontestati tal-applikazzjoni

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* Ksur tal-Artikoli 42(2) u (3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta’ Frar 2009 dwar it-trade mark Komunitarja (ĠU L 78, p.1), u tar-Regoli 22 (2) u (3) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2868/95, tat-13 ta’ Diċembru 1995, li jimplementa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 40/94 dwar it-trade mark tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 17, Vol. 1, p. 189), peress li l-Bord tal-Appell ma evalwax b’mod korrett il-provi prodotti mill-parti li topponi intiżi sabiex juru użu ġenwin ta’ trade mark preċedenti fid-dawl tar-rekwiżiti imposti mid-dispożizzjonijiet rilevanti u mill-ġurisprudenza, inklużi r-rekwiżiti biex jiġu kkunsidrati l-post, il-ħin, il-portata u n-natura tal-użu ta’ trade mark. Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, peress illi l-Bord tal-Appell naqas milli: (i) jevalwa b’mod korrett ix-xebh viżiv, fonetiku u kunċettwali bejn it-trade marks; u (ii) li jieħu inkunsiderazzjoni b’mod xieraq, il-grad adegwat ta’ xebh bejn it-trade marks rispettivi, u milli jevalwa b’mod korrett il-grad tal-karattru distintiv tat-trade marks, inkluża l-probabbiltà ta’ konfużjoni.

**Rikors ippreżentat fis-27 ta’ Jannar 2012 — Intesa Sanpaolo vs UASI — equinet Bank (EQUITER)**

(Kawża T-47/12)

(2012/C 109/42)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

#### Partijiet

*Rikorrenti:* Intesa Sanpaolo SpA (Torino, l-Italja) (rappreżentanti: P. Pozzi, G. Ghisletti u F. Braga, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* equinet Bank AG (Frankfurt am Main, il-Ġermanja)

#### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha:

— tannulla d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tas-6 ta’ Ottubru 2011 fil-Każ R 2101/2010-1;

— tikkundanna lill-Uffiċċju għall-ispejjeż tal-proċeduri.

#### Motivi u argumenti prinċipali

*Applikant għat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrenti

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark figurattiva “EQUITER”, għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 16, 35, 36, 38, 41 u 42 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru°66707749

*Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark jew sinjal invokat:* it-trade mark verbali “EQUINET”, irreġistrata bħala trade mark Komunitarja bin-Nru 1600816, għal servizzi fil-klassijiet 35, 36 u 38; it-trade mark verbali “EQUINET”, irreġistrata bħala trade mark Ġermaniża bin-Nru 39962727, għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 35, 36 u 38

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni miċħuda

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni annullata

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikoli 42(2) u (3) flimkien mal-Artikolu 15(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 207/2009, peress li l-Bord tal-Appell wettaq evalwazzjoni żbaljata fir-rigward tad-dokumenti ppreżentati insostenn tal-użu tat-trade mark, minħabba li: (i) ma hemmx indikazzjonijiet suffiċjenti dwar l-attività, il-ħin, il-post u l-estent tal-użu tat-trade mark; (ii) ma hemmx indikazzjoni suffiċjenti dwar in-natura tal-użu tat-trade mark; u (iii) il-provi prodotti mill-opponent ma humiex suffiċjenti sabiex jipprovaw li t-trade mark preċedenti kienet ġenwinament użata fit-territorju rilevanti matul perijodu ta’ ħames snin qabel id-data tal-pubblikazzjoni tat-trade mark ikkontestata.

**Rikors ippreżentat fis-6 ta’ Frar 2012 — Euroscript — Polska vs Il-Parlament**

(Kawża T-48/12)

(2012/C 109/43)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

#### Partijiet

*Rikorrenti:* Euroscript — Polska Sp. z o.o. (Kraków, Polonja) (rappreżentant: J. F. Steichen, avukat)